MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-MIDJA

## La Valette Multi Manager Property Fund –

## Reviżjoni indipendenti tal-fajls tal-investituri

Nhar l-4 ta'Ġunju 2012, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('l-MFSA') ħabbret li kienet ikkonkludiet it-tielet investigazzjoni tagħha dwar il-La Valette Multi Manager Property Fund ('il-Fond'). L-Awtorità mhux biss imponiet fuq il-Bank of Valletta ('il-Bank') l-ogħla multa li kienet tippermetti l-liġi, iżda, kif spjegat fl-avviż imsemmi, hija tat Direttiva sabiex il-Bank jikkopera ma' reviżjoni tal-fajls tal-investituri li kienet sejra tagħmel kumpanija professjonali indipendenti, imqabbda mill-Awtorità għas-spejjeż tal-Bank.

L-Awtorità fasslet lista ta' x'tirrikjedi revizjoni tal-fajls bħal din, u mbagħad stiednet ditti biex jagħtu l-proposti tagħhom dwar it-twettiq ta' dan ix-xogħol f'isem l-Awtorità. L-Awtorità għażlet proposta wara li eżaminat u pparagunat il-proposti kollha li rċeviet. Kien importanti li jiġi żgurat li d-ditta magħżula tkun kompletament indipendenti, li jkollha l-kompetenza meħtieġa u li tkun kapaċi tlesti r-reviżjoni meħtiega fil-ħin u bi spiża raġonevoli. Saru diskussjonijiet dettaljati sabiex jkun żgurat li d-ditta magħżula tista' tasal għal riżultat kredibbli.

B'riżultat ta' dan il-proċess, l-Awtorità għażlet lil Mazars, ditta internazzjonali tal-accountancy u konsulenza. Mazars għandha preżenza f'69 pajjiż u għandha jaħdmu magħha madwar 13,000 professjonist. Dan l-aħħar, din il-kumpannija għamlet xogħol għas-Serious Fraud Office Ingliż, bħalissa qed tħejji rapport għall-Kummissjoni Ewropea fuq Lloyd's Banking Group u kienet għamlet wkoll investigazzjoni għan-Nazzjonijiet Uniti.

Kif diġà tħabbar, ir-reviżjoni tal-fajls hija mmirata biex tiddetermina l-validita tad-dikjarazzjoni ta' investitur b'esperjenza miżmuma mill-Bank. Il-proċess li se jiġi segwit se jinkludi:

- Eżami tal-formoli tal-applikazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-La Valette Multi Manager Property Fund, flimkien ma' eżami tal-*fact find* ta' kull investitur, fejn hu l-każ.

- Fejn l-applikazzjoni flimkien mal-*fact find* tindika li kien hemm aktar minn $50,000 investiti fi strumenti finanzjarji matul il-ħames snin ta' qabel l-investiment fil-La Valette Multi Manager Property Fund, l-investitur jitqies prima facie li jissodisfa il-kriterji ta' investitur b'esperjenza.

- Fejn il-*fact find* ma ġietx mimlija sew jew ma tinstabx, id-ditta ndipendenti tista' tirreferi għat-tranżazzjonijiet ta' qabel u / jew informazzjoni oħra li hemm fil-fajls tal-klijent li għandu l-Bank of Valletta, sabiex jiġi ikkonfermat jekk kienx jissoddisfa l-kriterji ta' investitur b'esperjenza.

- Dan il-proċess ta' reviżjoni se jiġi applikat ukoll għat-transazzjonijiet ta' eżekuzzjoni, fejn id-dokumentazzjoni ma' gietx mimlija tajjeb u ffirmata.

- Ir-reviżjoni tal-fajls se twassal għal lista ta' investituri li ma kienux eliġibbli biex jinvestu f'dan il-fond, u li l-Bank għandu joffrilhom kumpens addizzjonali. L-Awtorità tista' żżid ma' din il-lista individwi li fil-fehma tagħha jixirqilhom eżami aktar dettaljat.

- Il-Bank għandu jikkomunika mal-investituri ta' fuq il-lista finali biex jinfurmahom li se jagħtihom kumpens addizzjonali. Dan il-kumpens se jiġi offrut ukoll lill-investituri li kienu ressqu lment mal-Awtorità u li dwarhom kien intlaħaq ftehim dwar kumpens bejn l-Awtorità u l-Bank.

- Il-kumpens li għandu jitħallas se jammonta għal €1 għal kull sehem, bit-tnaqqis tal-ammont li kien diġa tħallas.

L-Awtorità ddiskutiet ma' Mazars diversi aspetti tal-proċess ta' reviżjoni tal-fajls, u talbet lill-Bank biex jagħmel l-fajls tal-klijenti disponibbli għall-Mazars. Kien hemm xi kwistjonijiet dwar kif se jitmexxa l-proċess li kellhom jiġu mifthema qabel jibda x-xogħol, iżda Mazars għandha tibda l-proċess ta' reviżjoni tal-fajls sal-ġimgħa d-dieħla. L-għan hu li dan il-proċess u li jsir il-ħlas ta' dak il-kumpens addizzjonali li jkun dovut sal-aħħar ta' Diċembru 2012.

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**4 ta' Settembru 2012**
**Ref: MFSA MR 04/2012**